# IN-NISSIEĠA

Mananni, tista' tgħid, ma tqumx minn fuq in-newl. Tisbaħ qabel tlugħ ix-xemx, tisma' l-quddiesa ta' l-ewwel, u mita tarġa' d-dar, biex taqdi l-erba' faċendiet, ikollha tixgħel il-mużbieħ; tqabbad xedda nar, tgħalli stanjata kafe', tfettet kisra ħobż fl-iskutella, u malli titrejjaq erħilha għan-newl. Tgħaddi minn quddiem darha, minn sbieħ lillu sa bil-lejl, tisma' dejjem iċ-ċlikki, ċlikki tan-newl.

Ġara tagħna għal bosta snin, insellmilha kull mita ngħaddi, u mita nkun battal, aktarx nieqaf kwarta biex naraha taħdem, b'idejha titfa' l-mekkuk u tħabbatt id-deff u b'riġlejha tirfes illasti u l-ixtejqat telgħin u niżlin il-ħin kollu. Il-Ħadd li għadda ġieni f'moħħi nifhem sewwa kif jaħdem dan-newl u nara jekk l-ismijiet tal-bċejjeċ jaqblux ma' dawk ta' nies barranin. Mort għand Mananni li kienet bil-qiegħda ħdejn in-newl bil-qattus f'ħoġorha, u staqsejtha tfehemni ħaġa b'ħaġa kif issir in-nisġa u x'jidħol, mill-bidu sa l-aħħar, biex xkora qoton issir biċċa drapp.

L-ewwel ma qalet Mananni "ma nafx, jidħlu tant praspar, fejn niftakar?" Inbagħad "Din għal fejn isservi, din xi jgħidulha, din kif timxi, u l-għala din qegħda hawn ? " fhimt kif stajt u dak li smajt ktibtu, għax imkien ma stajt nsib miġbura dal-ħafna rqaqat tal-insiġ. Jista' jkun li ma fittixtx biż-żejjed u li dax-xogħol sar, imma x'telf hemm jekk inġibu quddiem il-qarrejja tal-*Malti*? L-aktar min jaf ma jaqrax. Min ma jafx jitgħallem u l-ftit li tgħallimt jien ma jintilifx.

Kif tara, dan-newl, dur dur ma fih xejn. Donnu sodda b'erba' *waqqafat* qawwija u żewġ lasti mimduda *(medda)* u magħhom marbut kollox bi traversi msejjħin *ċiċka*. Kud-diem u wara hemm romblu jdur bejn il-waqqafat, imsejjaħ il-*motwa*. Fuq il-*motwa* ta' wara jitkebbeb il-ħajt, u fuq dik ta' quddiem titkebbeb il-biċċa drapp mita tkun minsuġa.

Il-motwa ddur bl-imagħżel li jeħlu f'toqob, u f'waħda mir-rjus għandha rota tal-ħadid bis-snien u ħadida donna ilsien *(il-kelb)* biex ma tħallix li r-rota tmur lura. Kull dawra, il-kelb jieqaf ġewwa sinna u hekk il-qoddiem jimxi fid-dawran u lura lè. Biex in-nissieġa terħi mita jinħtieġ, il-motwa ta' wara għandha ħabel li jiġbed il-kelb lura, u hekk il-motwa tista' ddur u n-nissieġa ma tqumx minn fejn tkun. Il-kelb tal-motwa ta' qoddiem qiegħed ħdejn idha u tħarrku kif trid hi.

Mela l-ħajt kif jiġi lest minn għand *is-seffieħa* jgħaddi għand *it-tewwejja*, il-mara li tlesti l-ħajt għan-newl, jitkebbeb fuq il-motwa ta' wara u minn hemm idur għal fuq lasta, imsejjha *fagott*, li tpoġġi fuq żewġ għaksiet (*il-kastanjoli*).

Minn hawn, il-ħajt, li issa jieħu isem ta' *medd*, igħaddi il-quddiem u jissallab fuq żewġ qasbiet, igħidulhom *is-salib* li jżommu l-ħajt tal-medd magħżul minn xulxin. Il-qasba ta' quddiem marbuta ma' ta' wara u t-tnejn miżmumin b'rumnell li jmur lura u fih imdendla ħaġra jew ħadida, biex tagħmel *kontrapis*.

Salib ieħor tal-qasab jitqiegħed fil-bidu tal-medda għal mita din tkun għoddha spiċċat biex il-ħajt jibqa' magħżul sa l-aħħar.

Wara li jgħaddi s-salib, il-ħajt jidħol f'għalliqiet tal-ispag li jgħidulhom *in-nir*. *In-nir*, l-aqwa biċċa li fih in-newl. Kull *Nira* fiha tliet għalliqiet u mit-tarf ta' fuq tintrabat ma' biċċa għowda msejjħa *xtejqa* ta' fuq.

L-ixtejqat huma tmienja, erba' fuq u erba' taħt, imwaħħla man-nir. Ta' fuq, jintrabtu tnejn tnejn ma' erba' qasbiet żgħar imsejha *għasafar* imdendla ma' żewġ taljoli li fuqhom idur rumnell marbut mas-saqaf tan-newl. L-ixtejjaq ta' taħt imwaħħla tnejn tnejn mal-ħbula tar-rifs u għalhekk mita l-listi jintrifsu, tnejn mill-ixtejjaq jitilgħu u tnejn jinżlu biex jingħażlu ż-żewġ ħajtiet tal-medd u bejniethom jista' igħaddi l-ħajt *tat-togħma* li jħalli warajh il-*mekkuk*.

It-tewwejja tgħaddi l-ħajt mill-moxt li fih 700 sinna. Dan jeħel fil-lista ta' taħt u jintrama fil-lista ta' fuq li jissejjaħ *id-deff*. *Id-deff* imdendel b'żewġ listi mas-saqaf tan-newl u jitbandal ħafif l-ura u l-qoddiem.

In-nissieġa tgħaddi l-*mekkuk* minn banda għall-oħra u tiġbed id-deff biex il-ħajt jintrass u l-insiġ joħroġ sħiħ u mixdud. Qabel tarġa' tgħaddi l-mekkuk tirfes *ir-rifs* ħalli l-ħajt jinferaq u nbagħad tiġbed id-deff. Quddiem in-nissieġa, id-drapp jintena ħelu ħelu fuq lasta mill-wisa' tan-newl, imsejħa ukoll *fagott*, li jistrieħ fuq minkeb minn kull naħa. Minn hemm igħaddi l-isfel u jitkebbeb fuq il-motwa ta' quddiem.

In-nissieġa toqgħod fuq tavla wiesgħa, imsejħa *żerquna*, mirfuda fuq il-waqqafat ta' wara.

Biex l-insiġ ma jitbewwaqx jitwaħħal fuqu l-*mettid* biċċtejn għowda li bil-*vajlora* tal-ħadid li għandhom,u b'nitfa spaga, jitwalu u jiċkienu kemm trid u hekk jilħqu mal-wisa' kollu. Il-*mettid* jeħel mad-drapp bil-ponot li għandu fit-tarf

u l-biċċa tibqa' stirata dejjem Il-*mekkuk* qisu dgħajsa ċkejkna b'toqba fil-ġenb mnejn toħroġ il-ħajta mkebba fuq *l-imserka,* nitfa ta' qasba ddur fuq musmar tal-ħadid (*il-wettieq.*)

Mita jgħaddi l-mekkuk minn bejn il-ħjut tal-medd il-ħajta li jħalli warajh tinqabad malli jitħarrku l-ixtejjaq.

Mita n-nisġa ssir b'aktar minn lewn wieħed trid aktar minn mekkuk, wieħed għal kull lewn.

Il-ħajt fuq l-imserka tal-mekkuk jitkebbeb bir-*raddiena.* Dal-ħajt isir l-ewwel bil-brim tat-tajjar fil-*magħżel,* twil malpied u nofs, b'żewġ *luqqatiet,* waħda żgħira l-fuq u oħra akbar fin-nofs. Sieq il-magħżel twil biex tista' ttiħ dawra ma' sieqek. Il-ħajta li ġejja minn ġażża tal-qoton teħel il-fuq mas-sunnara tal-magħżel u tiġi rqiqa jew ħoxna skond kif iżżomm il-ġazza tat-tajjar fix-xellug, u nbagħad titkebbeb bejn iż-żewġ *luqqatiet.*

Il-ħajt tal-magħżel isir *marella* fuq l-imħalla; qasba twila max-xiber u nofs li ddawarha b'idek. Il-marella x-xiddha fuq l-*imkebba,* qisha qafas imwaqqaf fuk żewġ ċrieki: ta' fuq żgħir, ta' taħt kbir. L-imkebba titwaqqaf fuq bastun li jeħel f'*ħaġra* tqila, imsejjaħ *ir-riġel tal-imkebba,* u iddur fuq pern biex tkun ħafifa u soda.

Il-ħajta mill-marella tal-imkebba titkebbeb fuq l-imserka tar-*raddiena.*

Ir-raddiena m'hiex ħlief kaxxa fuq is-saqajn. F'waħda mit-truf teħel rota, imsejħa *raddiena* li tiddawwar b'manku jew *wejda.* Fiċ-ċirku tar-rota jgħaddi rumnell li jmur fuq *rukkell* fit-tarf l-ieħor. Mita bil-wejda ddawwar ir-rota, id-dawwar ukoll ir-rukkell.

Dan ir-rukkell idur fuq musmar imsejjaħ *marden* u mita ikun kbir, biex flok l-imserka titkebbeb il-*lembuba,* jissejjaħ *żerżur.*

Ir-rukkell miżmum minn kull tarf minn żewġ *widnejn* maħruġa l-barra fuq żewġ *puntali.* Min-naħa l-waħda, il-*marden* jibqa' ħiereġ il-barra biex tidħol fih l-*imserka* li iddur mar-rukkell u fuqha titkebbeb il-ħajta li tiġi mill-*imkebba.* Mita tintela l-imserka titpoġġa oħra.

In-nissieġa tiġbor l-imsierek mimlija u tqegħedhom fil-mekkuk hija u tinseġ.

Il-ħajt li jitqiegħed fin-newl minn għand it-tewwejja jiġi minn għand is-*seffieħa* mħejji bl-akbar sengħa, għax kieku ma jinħadimx.

Is-seffieħa jkollha mkebbeb il-ħajt li jinħtieġ fuq imsierek

kbar li jissejħu *lembub*, twal xi pied. Dawn jitqiegħdu kull wieħed f'*pern* tal-ħadid weqfin ġewwa tilar b'żewġ indani li jeħu 42 lembuba, 21 fuq u 21 taħt. Minn fuq dawn il-ħajt jitkebbeb fuq *is-sefħa*, bħal qafas kbir għoli mas-sitt piedi, b'erba' wċuh mal-erba' piedi wiesa'. Dal-qafas tal-injam idur ħafif fuq pern imwaħħal fis-saqaf tal-kamra u ieħor mal-art. Fin-nofs ta' kull faċċata jaqbżu barra għal xi erba' pulzieri tliet bċejjeċ qasab li jissejjħu *is-salib*.

Is-seffieħa, bil-wieqfa, bejn is-sefħa u l-lembub, tiġbed ħajta minn tnax (jew aktar, jew ankas) mil-lembuba ta' fuq u żżommhom bejn żewġt iswaba'. Mil-lembub ta' taħt tiġbed ħajt ieħor u żżommu bejn żewġt iswaba' oħra tax-xellug biex ma jitħallatx, Tqabbad kull tarf ma' waħda mill-qasab tas-salib tan-naħa t-isfel u tgħaddihom minn-qasba għall-oħra imsallbin, kullħadd għalih. Wara l-aħħar dawra taqbad il-ħajt kollu f'daqqa u ddawru mas-sefħa. Bid-dawra, il-marella iddur mas-sefħa jew *filatorju* għal xi għoxrin darba. Mita tasal fl-aħħar saff, tati dawra mas-salib ta' fuq u targa' tibda tkebbeb l-sfel. Kull qasba ħajt is-seffieħa torbot ħajta biex in-nissieġa tkun taf kemm ħadmet. Is-sefħa tkebbeb mal-ħamsa u ħamsin qasba. Mita ddawwar kemm jinħtieġ is-seffieħa taqla' l-marelli waħda fuq l-oħra bla taħbil xejn bħal *katina* u tibgħatha għan-newl. It-*tewwejja*, il-mara li trawwem in-newl, tibda biex iddaħħal it-truf tal-ħajt magħżul mis-salib, fis-salib tan-newl, biex il-ħajt ta' fuq u t'isfel jibqa' għalih, u qajla qajla tkebbu fuq il-*motwa* ta' wara. Mita tasal fit-tarf l-ieħor, tgħaddi l-ħajt *mir-rixtellu* tal-injam, twil maż-żewġ piedi u nofs, u li fih seba' u erbgħin sinna. Imdaħħal fis-salib ta' qoddiem, il-ħajt jiddaħħal waħda waħda fil-għallieqa tan-nofs tan-niriet kollha u iżjed il-quddiem il-ħajt *jixxekkek*, jiġifieri jiddaħal tnejn tnejn fis-snien tal-moxt ta' 700 sinna. Wara dan, il-ħajt jintrabat mal-*motwa* ta' quddiem. Il-*moxt* u *ir-rixtellu* m'humiex tan-nissieġa, imma tat-tewwejja u targa' toħodhom mita jkun lest l-*iskamplu*, għax hekk igħidulha l-biċċa drapp minsuġa.

Daqs hekk qaltli Mananni, m'hux ħaġa wara l-oħra kif ġibthom hawn, imma waħda minn hawn u oħra minn hinn u b'idejha tmiss u turi bl-akbar reqqa, donnha kiegħda tirranġa dehebha fil-kaxxun tal-gradenza. Għax in-newl għaliha ġidha kollu u ras il-miel ta' darha. Imbierka idejn Mananni li minn wiżna ħajt tgħix u titma' u tlibbes, imbierka l-bżulija tagħha u Alla jseddqilha idejha, lilha u lil kull min hu bħalha.

T. Z.